BIRKIRKARA

## KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

### Laqgha tal-Kunsill

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghat-Tmienja-u-Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tlieta, 28 ta' April 2009, fil-5:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

### Agenda

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 37**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 29**
5 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti**
6 **Korrispondenza**
7 **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8 **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsiliera**
9 **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti tat-Tmienja-u-Tletin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 28 ta' April 2009 mill-5:45p.m. sas-6.15pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Michael Camilleri |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw |
| | |
| | Is-Sinjura Joanne Borg --Assenti |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri-- Assenti |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Michael Camilleri, Dr. George Debattista, Sergio Carbonaro, Roberto J. Buontempo u Mary Spiteri Shaw. Il-Kunsilliera is-Sur Jimmy Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt u s-Sur Anthony Buttigieg dahlu fil-kamra fis-5.47pm, fis-5.51pm u fis-6.01pm rispettivament. Il-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg u Charlene Camilleri kienu assenti. Ghal din il-laqgha ma' kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

Hawnhekk dahal il-Kunsillier is-Sur John Mary Calleja. Il-hin kien is-5.47pm

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 37**

Il-Minuti tat-Tmienja-u-Tletin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Wara li saret korrezzjoni f'*items 5 u 6* huma gew approvati b' disa' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Mary Spiteri Shaw. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Dr. George Debattista, Roberto J. Buontempo, Sergio Carbonaro, u Mary Spiteri Shaw.

Hawnhekk dahlet il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt. Il-hin kien is-6.51pm

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 37**

3.1 Il- Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg ghamlet riferenza ghall-*item* 3.5. Il-Vici Sindku qalet li hi kienet hasbet li l-kwistjoni msemmija kienet giet rizolta imma fil-fatt din regghet issemmiet f'gurnal lokali. Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami spjega ezattament hu x'kien qal lil gurnalist li kien cempillu u li kiteb dak l-artiklu. Is-Sindku qal li ghalih din il-haga kienet giet rizolta u ccarata.

3.2 Il-Kunsillier Dr George Debattista għamel riferenza għall-*item* 6. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien qed jikkalkula li l-Kunsill kien ser jispiċċa b'defeċit ta' € 104,000.

**4 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti Numru 28**

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 29 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttieħdet bħala moqrija. Il-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 29 ġiet approvata b' għaxar voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu għall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera is-Sinjura Mary Spiteri Shaw. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Viċi Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista, Roberto J. Buontempo, Sergio Carbonaro, u Mary Spiteri Shaw.

**5 Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti**

Il-lista tal-flus kontanti tal-perjodu mill-4/3/09 sal-25/3/09 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttieħdet bħala moqrija. Il-lista ġiet approvata b' għaxar voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu għall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera is-Sinjura Mary Spiteri Shaw. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Viċi Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista, Roberto J. Buontempo, Sergio Carbonaro, u Mary Spiteri Shaw.

**6 Korrispondenza**

Il-Korrispondena ta' hawn taħt kienet tqassmet lill-membri kollha ma' l-agenda.

6.1 Ittra bid-data tat-30 ta' Marzu 2009, mingħand is-Segretarju tal-Każin tal-Banda Sant' Antnin, is-Sur Joe Debono. Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami pproprona illi l-Akkademja Mużikali għandha tiġi mtella bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u dan bħalma ser issir mal-Każin tal-Banda Santa Liena (tal-Bagri). Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla u fuq dan kien hemm qbil unanimu.

6.2 E-mail ta' ringrazzjament mis-Surmast tal-Kullegg Santa Tereża ta' l-Imrieħel għall-għotja ta' kotba li l-Kunsill ta lil din l-iskola.

Hawnhekk daħal il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Il-ħin kien is-6 :01pm.

**7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.1 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami għamel riferenza għal ftehim propost li Green MT trid tagħmel mal-Kunsill Lokali fir-rigward ta' Skart tal-ippakeġġjar (skart separat) u anke skart t'affarijiet elettriċi u elettroniċi. Is-Sindku qal li dan il-ftehim kien qed isir bil-kolaborazzjoni ta' l-AKL filwaqt li spjega l-punti msemmija fil-ftehim. Fost l-affarijiet issemma illi Green MT ser tibda tħallas lill-Kunsill ta' l-iskart separat u dak *bulky*, u ser tforni lill-Kunsill bi *Bring-in-Sites*. Is-Sindku qal li ħsieb kien li l-iskart separat minn djar jibda jinġabar kull nhar ta' Erbgħa u l-Ġimgħa tard filgħaxija, filwaqt li l-iskart domestiku (dan m'għandux x'jaqsam ma' dan il-ftehim) jibda jinġabar filgħodu mill-kuntrattur tagħna kull nhar ta' Tnejn, it-Tlieta, l-Ħamis, u s-Sibt. Saret diskussjoni fejn ġie ċċarat illi mhux ser ikun hemm l-ebda ħlas impost fuq ir-residenti, biex jinżammu l-*istandards* li għandna illum, u li nieħdu ħsieb il-ġbir ta' l-iskart mill-isqaqien. Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ssuġġerixxi illi l-Kunsill għandu jiffirma dan il-ftehim. Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla, filwaqt li kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha preżenti mas-suġġeriment tas-Sindku biex jiġi ffirmat dan il-ftehim.

7.2 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri preżenti illi l-laqgħa tal-Kunsill kienet issejħet kmieni fuq talba tal-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Hu qal li minkejja li hu kien laqa' t-talba tagħha, b'dispjaċir jgħid li hi m'attendietx għal-laqgħa.

## 8 Twegibiet ghall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa dwar l-iskeda tal-BKR Radio. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li s-Sinjorina Dorianne Pullicino kienet cemplet lill-Kunsilliera kollha u hadet l-ismijiet ta' dawk kollha nteressati. Is-Sindku qal ukoll illum hu kien qed jipproponi illi jsiru zewg programmi wiehed ghall-kandidati tal-PN u iehor ghall- kandidati tal-PL. Fuq dan ir-rigward hu semma' li hemm xi regoli ta' l-Awtorita' tax-Xandir li kulhadd irid izomm maghhom. Is-Sindku qal li aktar informazzjoni kien ser ighaddiha lill-Kunsilliera meta din tinghatalu mid-dirigenti tal-BKR Radio.

8.2 Il-Kunsilliera Dr George Debattista, u s-Sur Jimmy Calleja ghamlu riferenza ghal problema tad-dranagg li kien hemm fi Triq il-Kbira Has-Sajjied Sqaq numru 1, u fi Triq il-Kbira Has-Sajjied rispettivament. Is-Sindku wiegeb illi hu kien informat illi il-problem msemmija kienet giet solvuta mid-dipartiment tad-dranagg.

## 12 Eghluq

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien it-is-6.15pm.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**